I L - M A L T I

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

IR-RABA' KTIEB TA' L-1939

# JALLA L-KOTRA U L-ĠABRA

In-Natura xejn ma tagħmel bil-għaġla. Mid-dlam ta' bil-lejl għad-dija ta' bin-nhar tgħaddi ħelu ħelu li wieħed bil-kemm jintebaħ: id-dalma tikser fil-bjuda ġahra tat-tbexbix; dan jikser ħelu ħelu fil-ħmura tażżerniq; dan fid-dawl tas-sebħ, u dan fid-dija tan-nhar.

Hekk mis-sajf għax-xitwa u mix-xitwa għas-sajf: bejn il-waħda u l-oħra jidħlu għal xejn għal xejn minn banda l-ħarifa u minn l-oħra r-rebbiegħa.

U dak li jsir fin-natura siekta, isir ukoll fin-natura ħajja. Iż-żerriegħa, biex issir siġra, jeħtiġilha tgħaddi mit-taraġ kollu tal-ħajja veġetali. Il-bidwi, għaqli, jixħetha fl-art; l-art, bħal omm ħanina, tilqagħha, tgħannaqha, issaħħanha, tniddiha; u ż-żerriegħa, ngħidu hekk, tonqob, ixxenxel, u titfa' xenxul 'l isfel, li jkun il-għerq, u xenxul il fuq li jkun in-nebbieta: u dawn iż-żewġ xniexel, jew rimjiet, taħt iż-żgħila tan-nida u taħt il-bewsa tax-xemx jissoktaw jikbru, iżda hekk qajl qajl, li l-ebda għajn, għalkemm għarriexa, ma tista' tilmaħ il-ftuħ tagħha. Iżda, b'dana kollu, ir-rimi jitwal, joktor fil-weraq, jimla, iraħħas, jiżhar; u, meta tiġi newbitha, is-siġra tgħallel... u l-frott jinqata'.

* * *

U hekk sar fil-għalqa tagħna. Fl 1911 aħna tfajna daqsxejn ta' żerriegħa — iż-żerriegħa tal-Lsien Malti. — Il-għalqa ma kinetx kbira u l-ħaddiema kienu ftit. Barra minn dan, l-art kienet ġeblija, u għal kull xiber trab, kellha qasba xagħri ; għalhekk; għalkemm is-siġra kienet li minnha tmidd u tixxeblek, ma setgħetx tifrex fil-bogħod l-egħruq tagħha. Zid ma' dan illi l-istaġun kien aħrax u qalil, u jekk 'lhawn u 'lhinn kienet tfejjed xi siegħa xemx, malajr kien jinqala' sħab oħxon li jgħajjeb is-sema u jdellel l-art: u r-riħ kien kiesaħ u bosta drabi filgħodu kienet tisbaħ il-ġlata.

Anqas dan ma kien kollox: id-dud—friefet, ġradi, kola, bebbux, busuf, akiereb u x'nafu aħna kemm oħrajn—kien hemm jirgħa, lest biex igerrem, jiġrod, inittef, malli tinbet xi werqa ħadra u jħarbatha, jekk wieħed ma jkunx b'seba' għajnejn biex iħarisha minn dawk l-egħdewwa.

Kien kif kien, iż-żerriegħa ntefgħet, u bis-sabar u bil-għaqal ta' min tefagħha, nibtet u qajla qajla bdiet tikber ġmielha u nisslet ukoll tama li xi darba wieħed jaraha tiżhar, timla u ssajjar.

* * *

U għaddew għaxar snin, u dik li kienet żerriegħa saret xitla, u billi r-raba' ta' madwarha bil-ħeġġa u bix-xogħol tal-ħaddiema tjieb xi ftit u naqas ukoll ix-xagħri, bdiet tmidd l-egħruq aħjar u tissaħħaħ iżjed.

U sar ftehim għaqli bejn il-ħaddiema, u x-xogħol tqassam u tqiegħed fuq sisien tajba: min ħa f'idejh il-ħidma ta' l-art, biex bis-saqi u bl-inqix iżommilha dejjem it-tira; min ħa ż-żabra u t-tilqim; min ħa l-irmindar, jiġifieri t-tneħħija ta' weraq niexef u ta' xi fergħa

bagħlija; min il-ħsieb tad-dakra, min il-qirda tad-dud, u min il-ħars ta' l-egħjun, tar-rimi u tal-ward li kien diġà beda jidher. Fis-sena 1925 deher xi frott li għalkemm ħadrani, kien f'saħħtu; u x-xitla bdiet tiftaħ iżjed fil-frieghi, tisbieħ f'xuxitha u kull sena tistagħna iżjed fil-frott.

Illum dik li kienet żerriegħa fl-1911 u xitla fl-1925, saret siġra sabiħa, qawwija, u l-frott li qiegħda tagħti hu frott li jħabbatha ma' ta' pajjiżi oħra li għandhom ilsien għani u maħdum bil-għaqal.

B'kollox għaddew tmienja-u-għoxrin sena; iżda bħalma għidna, in-natura ma tagħmel xejn bil-għaġla.

Ikun issa dmir u għaqal ta' Professur fl-Università li juri l-ġmiel kollu u l-benna kollha ta' dan il-frott li ġiebet u li qiegħda kuljum iġġib dik iż-żerriegħa tal-Lsien Malti li ntefgħet fil-għalqa ta' "Il-Habib", fl-1911, minn erba' ħaddiema ta' qalb kbira u ta' fehma ta' l-azzar.

U jalla l-Kotra u l-Ġabra.